**Deċiżjoni mogħtija mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 330 tat-23 ta' Novembru 2015 dwar l-inċidenti li nqalgħu fil-Kamra fis-Seduta 329 tal-20 ta' Novembru 2015**

Fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2015, prattikament fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tal-istess seduta li bdiet fis-2.00 p.m., il-Viċi President tal-Kumitat tal-Kamra, l-Onor. Luciano Busuttil, irrapporta progress lis-Sedja billi informaha li d-diskussjoni kienet waslet fi klawsola 41 u li numru ta' klawsoli kienu għaddew b'emendi. Hekk kif is-Sedja rringrazzjat lill-Viċi President tal-Kumitat u talbet lill-Ministru biex iressaq l-Aġġornament kien hemm numru ta' interruzzjonijiet u ġie mogħti l-kelma l-Onor. David Agius, fejn qal hekk:

> "Jien ma nistax nifhem kif iċ-*Chairman* qed jirrapportalek x'sar fil-Kumitat u ma rrapportalekx inċident gravi li għadu kif seħħ ġo din il-Kamra li ma jistax ikun Deputat ma jkunx protett mis-Sedja meta xi ħadd jgħidlu "niġi għalik u nifqgħak". Dawn l-affarijiet, Mr Speaker, ma nistgħux naċċettawhom ġol-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż u għandu jkollok rapport quddiemek biex tinvestigah għax dawn huma affarijiet inaċċettabbli ġol-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż."

Hawnhekk is-Sedja sejħet lill-Onor. Luciano Busuttil iżda immedjatament beda jinstema' għajjat *off mic* tant li s-Sedja kellha tgħaddi dawn ir-rimarki:

> "Mela hawnhekk qegħdin f'xi maqjel. Hawnhekk qegħdin fil-Kamra tar-Rappreżentanti. X'mingħalik int… Jien issa qed nisma' l-affarijiet. Jien issa qed nippresjedi."

Hawnhekk l-Onor. Luciano Busuttil qal hekk:

> "Jien kont qed nippresjedi u qam argument bejn l-Onor. Debono Grech u l-Onor. Marlene Farrugia. Bdejt nipprova ngħidilhom biex jekk jogħġobhom ipoġġu bilqiegħda xħin kienet qed titkellem l-Onor. Marthese Portelli. Forsi għax għandi leħni jgħajjat jew forsi għax kont qiegħed bil-*microphone* ma bdejtx nisma' d-diskors li kien qiegħed jingħad fil-konfront ta' xulxin. *Per se* l-kliem li ntqal lejn xulxin ma smajtux, imma jekk semgħu xi ħaddieħor mill-Kamra huwa liberu li jista' jirrapporta dak li ntqal."

Hawnhekk is-Sedja qalet hekk:

> "L-ilment tiegħek, Onor. David Agius, se narah u se nibgħat għall-partijiet. Min huma l-ismijiet... Għax jien ma kontx fis-Sedja. Onor. David Agius fuq min qed tirrapporta? Agħtini ż-żewġ ismijiet."

L-Onor. David Agius qal hekk:

> "Mr Speaker, għedt ċar, l-Onor. Debono Grech u l-Onor. Marlene Farrugia. Li xi ħadd jgħajjat quddiem kulħadd, u smajnieh… (Interruzzjonijiet)"

Hawnhekk is-Sedja reġgħet irrispondiet:

“Dik terġax tirrepetiha, diġà għedtha. (Interruzzjonijiet) ... l-Onor. Joe Debono Grech, hu min hu. Inti qed tirrapporta l-każ u jien se ninvestiga l-każ.”

Hawnhekk is-Sedja rringrazzjat lil kulħadd u sejħet lill-Ministru Leo Brincat biex iressaq l-Aġġornament.

Wara li s-Sedja semgħet ir-*recording* tal-Kumitat innotat li l-uniku inċident ta’ għajjat li jidher li ma kienx kontrollabbli seħħ fl-aħħar minuti tal-istess Kumitat, ftit qabel il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol eżattament wara li s-seduta kienet ilha li bdiet madwar sitt sigħat u 17-il minuta meta l-Viċi President tal-Kumitat, l-Onor. Luciano Busuttil, ta l-kelma lill-Onor. Marthese Portelli u qalilha hekk:

“Infakkar li fadal tliet minuti biss.”

Kien hawnhekk li l-Onor. Marthese Portelli qalet hekk:

“Qegħdin naqblu fuq punt wieħed żgur; li dan mhuwiex rapport tal-politiċi imma rapport tan-nies. Tajjeb. Huwa preċiżament għalhekk li ma tistax tagħmlu l-awtorità għaliex jekk naraw illum l-awtorità kif ġibtuha intom, insibu li ġibtuha pupazz tagħkom, bis-CEO tal-MEPA jiġi ġol-kumitat tal-Parlament jgħidilna li hu ħa d-direzzjonijiet minn Kastilja.”

Hawnhekk qam l-għajjat u l-Viċi President tal-Kumitat qal hekk:

“Jekk jogħġobkom. (Għajjat) Jekk jogħġobkom. (Għajjat) (*off mic*) L-Onor. Marlene Farrugia jekk jogħġobha tpoġġi bilqiegħda. L-Onor. Joe Debono Grech jekk jogħġbu jpoġġi bilqiegħda. Onor. Farrugia... (Għajjat) (*off mic*)”

Hawnhekk imbagħad l-Onor. Marthese Portelli qalet hekk:

“Sur President... (*off mic*) ... kif il-membri ta’ dan il-Gvern qegħdin jattakkaw membru indipendenti.”

Is-Sedja ma qagħditx biss fuq dan li semgħet bħala traskrizzjoni iżda rat ukoll il-filmat kif deher fuq il-*parliamentary TV channel* u setgħet tikkonstata hija stess minn dan ir-*recording* li l-Onor. Luciano Busuttil kien il-ħin kollu qed jitlob kemm lill-Onor. Marlene Farrugia, kif ukoll lill-Onor. Joe Debono Grech, biex joqogħdu bilqiegħda peress li fost l-għajjat *off mic* kien jidher li kien hemm battibekk qawwi bejn iż-żewġ Membri Parlamentari. Kien għalhekk, li s-Sedja ħasset li kellha tinvestiga x’intqal eżatt bejn iż-żewġ membri apparti dak il-kliem li semma l-Onor David Agius. Dan se tagħmlu wkoll kif iddikjarat fis-seduta ta’ nhar il-Ġimgħa 20 ta’ Novembru meta lill-Onor. David Agius informatu li se tkun qed tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha.

Dan huwa in konformi wkoll ma’ dak li qalet is-Sedja fir-*ruling* tagħha fis-seduta 279 tat-22 ta’ Ġunju 2015 meta għamlet referenza għal paġna 618 tal-*House of Commons Procedure and Practice* (2nd Ed.) tal-Parlament Kanadiż li jgħid:

> *"If the Speaker did not hear the word(s) in question, or if there is a dispute as to what words were actually used, the Chair may set the matter aside pending a review of the record and, if necessary, return to the House at a later time with a ruling."*

Is-Sedja kellmet lill-Onor. Marlene Farrugia, lill-Onor. Joe Debono Grech, kif ukoll lil membri oħra li ġew indikati mill-istess Onor. Marlene Farrugia u l-Onor. Joe Debono Grech għax kienu qegħdin fil-viċinanzi tagħhom waqt din is-seduta. Għamlet dan peress li s-Sedja ma kenitx preżenti meta nqala' dan l-inċident u peress li lanqas setgħet tikkonstata x'ġara mill-awdjo u mill-filmati tal-istess seduta.

L-Onor. Marlene Farrugia qalet li wara li hija kienet qiegħda bilqiegħda baxxuta, f'ħin minnhom semgħet lill-Onor. Joe Debono Grech jgħid "purċinell inti" u ħaditha li kien qed jirreferi għaliha, b'tali mod li hija rrispondiet immedjatament lill-Onor. Joe Debono Grech, "agħlaq ħalqek, ja purċinell." Jidher li l-kelma "purċinell" qalitha mhux inqas minn erba' jew ħames darbiet fil-konfront tal-Onor. Joe Debono Grech. L-Onor Farrugia qalet ukoll li semgħet lill-Onor. Joe Debono Grech jgħidilha, "niġi għalik u nifqgħak".

Li ntqal dan id-diskors ġie konfermat mill-Onor. Godfrey Farrugia, *Whip* tan-naħa tal-Gvern u li wkoll tkellem mas-Sedja. L-Onor Godfrey Farrugia qal li huwa kien quddiem l-Onor. Joe Debono Grech waqt il-ħin tal-inċident u li meta semgħu jgħid dak id-diskors lill-Onor. Joe Debono Grech qallu: "Hekk ma tgħidilhiex għax jien nipproteġiha".

L-Onor. Marlene Farrugia qalet ukoll li lill-Onor. Joe Debono Grech, qaltlu "Inti antik, oħroġ 'il barra".

Kif indikat hawn fuq is-Sedja kellmet ukoll lill-Onor. Joe Debono Grech li min naħa tiegħu qal li waqt li kienet qiegħda titkellem l-Onor. Marthese Portelli, proprju lejn l-aħħar tad-diskors tagħha meta kienet qed tagħmel allegazzjoni fil-konfront tal-awtorità u tas-CEO tal-MEPA kif diġà ġie kkwotat mis-Sedja aktar qabel, huwa qal lill-Onor. Marthese Portelli: "Staqsi lili dwar l-Ombudsman u ngħidlek!". L-Onor. Debono Grech żied jgħid li hekk kif qal hekk lill-Onor. Portelli huwa sema' lill-Onor. Marlene Farrugia tgħidlu li huwa purċinell. Qal ukoll li sema' lill-Onor. Marlene Farrugia tgħidlu li huwa korrott u li meta sema' hekk irrisponda: "hekk ma tgħidlix". Ikkonferma wkoll li f'dak il-mument qal id-diskors: "Niġi ħdejk u nifqgħak" u li sema' lill-Onor. Godfrey Farrugia jgħid li kien se jipproteġiha.

Is-Sedja kellmet ukoll lill-Onor. Anthony Agius Decelis li kien fil-viċinanza tal-Onor. Marlene Farrugia u lill-Onor. Deborah Schembri li kienet ħdejn l-Onor. Joe Debono Grech.

L-Onor. Anthony Agius Decelis qal li kif beda l-inċident huwa kien qiegħed barra l-Kamra jitkellem ma' xi membri oħra taż-żewġ naħat tal-Kamra, u li x'ħin daħal sema' lill-Onor. Marlene Farrugia tgħid diversi kliem fil-konfront tal-Onor. Joe Debono Grech fosthom il-kelma "purċinell" għal diversi drabi. Jidher li l-kelma "purċinell" intqalet għal aktar minn ħames darbiet. Sema' wkoll lill-Onor. Joe Debono Grech jgħid lill-Onor. Marlene Farrugia: "Korrott lili ma tgħidlix. Ħadd ma jgħidli li jien korrott". L-Onor. Agius Decelis qal ukoll li sema' lill-Onor. Marlene Farrugia tgħid lill-Onor. Joe Debono Grech: "Il-politika ta' żmienek spiċċat".

L-Onor. Deborah Schembri qalet li kienet eżattament fejn l-Onor. Joe Debono Grech u li waqt li l-Onor. Debono Grech kien qed jgħaddi xi rimarki fil-konfront u fuq dak li kienet qed tgħid l-Onor. Marthese Portelli rat u semgħet lill-Onor. Marlene Farrugia tuża' l-kelma "purċinell" diversi drabi fil-konfront tal-Onor. Joe Debono Grech. Semgħet ukoll lill-Onor. Marlene Farrugia tgħid lill-Onor. Debono Grech li huwa huwa "skadut" u semgħetha wkoll tuża l-kelma "korrott". L-Onor. Schembri qalet lis-Sedja li meta l-Onor. Debono Grech qal il-kliem "lili tridu tgħidu x'għamel l-Ombudsman" hija kienet qiegħda tħares dirett lejn l-Onor. Marlene Farrugia meta ratha u semgħetha tgħajjar lill-Onor. Debono Grech "purċinell". Żiedet tgħid li kien hawnhekk li l-Onor. Joe Debono Grech irreaġixxa billi qalilha: "Purċinell ma tgħidlix", "Korrott ma tgħidlix", "Niġi ħdejk u nifqgħak".

B'żieda mal-investigazzjoni li għamlet kif imsemmi hawn fuq sabiex tistabbilixxi x'rimarki għaddew il-Membri involuti f'dan il-każ, is-Sedja tixtieq iżżid li meta ħadet postha wara li ntemm il-Kumitat, hija setgħet tisma' diskors li kien għadu qiegħed jingħad *off mic* bejn l-Onor. Joe Debono Grech u l-Onor. Marlene Farrugia. Fost l-oħrajn is-Sedja semgħet lill-Onor. Joe Debono Grech jgħid il-kliem: "Lili ma tgħidlix korrott" lill-Onor. Marlene Farrugia u mbagħad semgħet lill-Onor. Marlene Farrugia tgħid: "jien lilek qatt m'għedtlek korrott".

Is-Sedja mill-ewwel tixtieq tirrileva li meta nqala' dan id-diżgwid u ntqal dan id-diskors xejn feliċi li ma jagħmel l-ebda ġieħ lill-Parlament tagħna, jidher ċar li fl-ebda mument ma saret talba għal ksur ta' privileġġ mill-Onor. Marlene Farrugia u lanqas mill-Onor. Joe Debono Grech taħt xi wieħed mill-provvedimenti tad-dispożizzjoni tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113), preċiżament b'referenza għas-subartiklu (4) tal-artiklu 11 li jgħid hekk:

> "Dawn li ġejjin ikunu r-reati kontra dan l-Att, jiġifieri:
> (a) kull att ta' nuqqas ta' qima lill-awtorità tal-Kamra bi kliem jew b'ġesti minn xhud jew persuna oħra quddiem il-Kamra jew Kumitat tal-Kamra;
> (b) kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;
> (ċ) kull ksur ta' regolamenti, ordnijiet jew direzzjonijiet magħmulin jew mogħtijin mill-Kamra dwar id-dħul ta' barranin fis-Sala tal-Kamra u l-imġiba tagħhom hemm ġew;
> (d) kull min jaħbat għal Membru, ifixklu jew jinsultah filwaqt li jkun sejjer jew ġej lura mill-Kamra jew minħabba d-dmirijiet tiegħu fil-Kamra, jew kull min, b'forza, b'insult jew b'tehdid, ifittex li jġiegħel Membru illi jiddikjara ruħu favur jew kontra proposta jew xi ħaġa li tkun għadha miexja jew li tkun sejra tinġieb quddiem il-Kamra;
> (e) kull min jibgħat ittra ta' tehdid lil Membru tal-Kamra dwar id-dmirijiet tiegħu fil-Kamra;
> (f) kull min jaħbat għal uffiċjal tal-Kamra, jew jindaħal fid-dmirijiet tiegħu jew jagħmillu reżistenza fil-waqt li dan ikun qiegħed jaqdi jew minħabba li jkun qeda d-dmirijiet tiegħu;

(g) kull min iqajjem jew jieħu sehem fi storbju fil-Kamra jew fil-qrib tas-Sala tal-Kamra, jew ġewwa fiha stess, filwaqt ta' laqgħa tal-Kamra, b'mod li minħabba f'hekk il-proċedimenti tal-Kamra jitwaqqfu jew x'aktarx ikollhom jitwaqqfu;
(h) kull min jikkorrompi, ibeżża', jhedded, iqarraq xhud jew b'xi mod mhux xieraq jinfluwenzah dwar ix-xiehda li jkun imissu jagħti quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha;
(i) kull min iġib quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra jew lil dak il-Kumitat;
(j) il-pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-Ispeaker jew lil xi membru li tolqot xi ħaġa magħmula minnu jew li ntqalet minnu bħala Speaker jew bħala Membru fil-Kamra jew f'kumitat tagħha;
(k) il-pubblikazzjoni volontarja jew bi traskuraġni ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha."

Għandu jiġi wkoll osservat minnufih li l-Viċi President tal-Kumitat li kien qed jippresjedi l-Kumitat qabel ma daħlet is-Sedja, ma kellu l-ebda obbligu li jirrapporta dak li nqala' fil-Kumitat u dan kuntrarjament għal dak li ġie dikjarat mill-Onor. David Agius meta staqsa lis-Sedja kif l-Onor. Luciano Busuttil ma rrapportalhiex l-inċidenti li kienu għadhom kif nqalgħu. Dan peress li l-persuna li tkun qed tippresjedi l-Kumitat għandha hija wkoll dawk is-setgħat li joħorġu mill-Ordni Permanenti 63 sunbinċiż (1), li jgħid hekk:

"L-Ispeaker jew il-President jista' jordna lil kull membru li l-imġiba tiegħu tkun ta' diżordni kbir biex jirtira minnufih mill-Kamra għal matul il-bqija tas-seduta ta' dik il-ġurnata; u l-Marixxall jew uffiċjal ieħor awtorizzat mill-Ispeaker għandu jaġixxi fuq dawk l-ordnijiet li jista' jirċievi mill-Ispeaker jew mill-President skont dan l-ordni permanenti."

Is-Sedja tinnota wkoll li l-provvedimenti tal-Kap. 113 hawn fuq ċitati japplikaw ukoll meta l-Kamra tkun irrisolviet ruħha f'kumitat.

Għaldaqstant is-Sedja tirrileva li la min ikun qed jippresjedi l-Kumitat għandu s-setgħa mogħtija bil-provvedimenti hawn fuq imsemmija, sta għal min kien qed jippresjedi l-Kumitat li jiddeċiedi jekk jiħux azzjoni jew le fil-konfront ta' Membri Parlamentari.

F'dan ir-rigward is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal *ruling* li tat *ex officio* diġà ċitat hawn fuq fis-seduta 279 tat-22 ta' Ġunju 2015, meta b'mod ċar u espliċitu qalet hekk:

"Fl-isfond ta' dak li ġara s-Sedja tixtieq tagħmilha ċara li minn issa 'l quddiem, jekk ikun hemm okkażjonijiet simili, se tkun kostretta li tapplika proċeduri li ilhom is-snin ma jintużaw imma li għadhom applikabbli taħt Taqsima IV – Ordni fil-Kamra, tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Hawnhekk nikkwota l-Ordnijiet Permanenti 63 u 64 li jgħidu hekk:

"**63**. (1) L-Ispeaker jew il-President jista' jordna lil kull membru li l-imġiba tiegħu tkun ta' diżordni kbir biex jirtira minnufih mill-Kamra għal matul il-bqija tas-seduta ta' dik il-ġurnata; u l-Marixxall jew uffiċjal ieħor awtorizzat

mill-Ispeaker għandu jaġixxi fuq dawk l-ordnijiet li jista' jirċievi mill-Ispeaker jew mill-President skont dan l-ordni permanenti.

(2) Iżda jekk f'xi okkażjoni l-Ispeaker jew il-President jidhirlu li s-setgħat mogħtija skont dan l-ordni permanenti mhumiex biżżejjed dwar il-ħtija, huwa jista' skont l-ordni permanenti li jaħbat sew sew wara dan isemmi lil dak il-membru; jew jista' jitlob lill-Kamra biex tiġġudika l-imġiba tiegħu. Qabel ma l-Kamra tiġġudika l-imġiba ta' membru huwa jkun jista' jitħalla jagħmel dikjarazzjoni qasira tar-raġunijiet li fuqhom jibbaża li jiskolpa ruħu.

(3) Il-Membri ordnati li jirtiraw skont dan l-ordni permanenti, jew li jkunu sospiżi mis-servizz tal-Kamra skont l-ordni permanenti li jaħbat sew sew wara dan, għandhom minnufih jirtiraw mir-reċinti tal-Kamra.

**64**. (1) Kull meta membru jkun ġie msemmi mill-Ispeaker jew mill-President minnufih wara li jkun wera disprezz lejn l-awtorità tal-iSpeaker jew tal-President jew abbuża mir-regoli tal-Kamra billi kontinwament u volontarjament ifixkel ix-xogħol tal-Kamra jew xort'oħra, f'dak il-każ, jekk il-ħtija tkun saret minn dak il-membru fil-Kamra, l-Ispeaker għandu minnufih iqiegħed għall-voti, wara li ssir mozzjoni, bla ebda emenda, aġġornament jew diskussjoni, "Illi dak il-membru (jiġi msemmi) jiġi sospiż mis-servizz tal-Kamra"; u jekk il-ħtija tkun saret f'Kumitat tal-Kamra kollha, il-President għandu jissospendi minnufih il-proċeduri tal-Kumitat u jirrapporta ċ-ċirkostanzi lill-Kamra; u l-Ispeaker għandu wara hekk iqiegħed għall-voti l-istess proposta wara li ssir mozzjoni, bla emenda, aġġornament jew diskussjoni, bħallikieku l-ħtija kienet saret fil-Kamra stess. Jekk xi membru jkun sospiż skont dan l-ordni, is-sospensjoni tiegħu l-ewwel darba tkun għal ġimgħa, it-tieni darba għal ġimagħtejn u t-tielet darba jew kull darb'oħra wara għal xahar.

(2) Iżda meta l-Ispeaker jirċievi mingħand il-membru hekk sospiż dikjarazzjoni bil-miktub u kif jixraq ta' dispjaċir li titniżżel fil-Minuti tal-proċeduri tal-Kamra, l-Ispeaker għandu jqegħedha quddiem il-Kamra u wara mozzjoni magħmula minnufih, iqiegħed għall-voti l-proposta għat-tneħħija tal-ordni tas-sospensjoni, bla emenda jew aġġornament, u wara dan, jekk il-proposta tiġi milqugħa, l-ordni għandu jitneħħa u l-membru ammess mill-ġdid; iżda dejjem li s-sospensjoni mis-servizz tal-Kamra ma teżentax lill-membru hekk sospiż milli jservi fuq xi kumitat permanenti jew kumitat magħżul li kien ġie maħtur biex fih iservi qabel is-sospensjoni tiegħu; iżda wkoll li mhux iżjed minn membru wieħed ma għandu jiġi msemmi fl-istess ħin, ħlief jekk diversi membri, preżenti flimkien, ikunu flimkien injoraw l-awtorità tal-Ispeaker jew tal-President.""

F'dan ir-*ruling* li jmur lura għal Ġunju ta' din is-sena, is-Sedja kienet għamlitha ċara li mhux se tippermetti aktar li l-Kamra tad-Deputati tiġi umiljata, aktar u aktar meta issa l-Parlament qed jixxandar b'mod viżiv. Il-poplu tagħna jixraqlu Parlament li verament iservi bħala lok fejn isiru dibattiti serji minn persuni eletti sabiex jirrappreżentaw lill-istess poplu Malti. Dan biex jiġi diskuss dak li verament għandu jiġi diskuss fl-interess komuni u fl-interess tad-demokrazija parlamentari ta' pajjiżna. Kien għalhekk li s-Sedja għamlitha ċara li huwa aktar importanti li f'dawn id-dibattiti fil-Parlament ikun hemm imġiba serja u xierqa mir-rappreżentanti tal-poplu u

dan billi josservaw l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u l-proċeduri stabbiliti minn din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Meta Membru jipprova jtella' t-tempra tad-dibattitu fil-Parlament, ikun qed jagħmel nuqqas ta' ġieħ lill-istess istituzzjoni meta huwa suppost fid-dover li jagħti eżempju lill-poplu fl-interess ta' pajjiżna. Is-Sedja hawnhekk tagħmel ukoll referenza għal dak li qalet f'dan l-istess *ruling* meta kkwotat minn paġna 444 tal-Erskine May *Parliamentary Practice* (24 ed.) fejn jingħad hekk:

> *"Offensive expressions against the character and conduct of Parliament itself are not permitted, since not only are they a contempt, but they may also tend to degrade the legislature in the public estimation. Reference in debate to either House of Parliament must therefore be courteous."*

Is-Sedja issa se tagħmel referenza għall-investigazzjoni li għamlet kif indikat aktar 'il fuq minn fejn jidher ċar li kliem offensiv jew kliem mhux xieraq intqal miż-żewġ naħat, jiġifieri kemm mill-Onor. Marlene Farrugia kif ukoll mill-Onor. Joe Debono Grech. Għalhekk, ukoll fin-nuqqas ta' talba għal ksur ta' privileġġ is-Sedja tħoss li *ex officio* għandha tapplika l-Ordni Permanenti 60 li jgħid hekk:

> "Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru."

Is-Sedja għaldaqstant qiegħda tiddeċiedi li tordna lill-Onor. Marlene Farrugia tirtira l-kliem li qalet fil-konfront tal-Onor. Joe Debono Grech u ċjoè dawk ta' "purċinell" u kliem ieħor li s-Sedja jirriżultala li l-Onor Farrugia nstemgħet tgħid – għalkemm diġà nnegat – fosthom dak ta' "korrott". Is-Sedja tordna wkoll lill-Onor. Joe Debono Grech jirtira l-kliem li qal fil-konfront tal-Onor. Marlene Farrugia meta qal: "Niġi ħdejk u nifqgħak".

Is-Sejda tirrimarka li dan l-inċidenti ma jagħmel l-ebda ġieħ lill-Parlament tagħna u għalhekk, bħala miżura addizzjonali mal-istess *ruling* li tat l-istess Sedja f'Ġunju 2015, fejn għamlitha ċara li se tibda tapplika r-regoli tat-Taqsima IV tal-Ordnijiet Permanenti b'mod intier, issa se tara li meta jkun hemm inċidenti simili waħda mill-*cameras* li għandna fil-Parlament tmur mill-ewwel fuq il-membri li jkunu qed jużaw kliem dispreġjattiv fil-konfront ta' xi membru, jew lejn il-Kamra, jew lejn is-Sedja. Dawn il-filmati jkunu biss għal skopijiet ta' investigazzjoni tas-Sedja u ma jiġux imxandra. Għalhekk, is-Sedja qed tagħmilha ċara li, kemm biex tevita inċidenti simili fil-futur kif ukoll sabiex hija jkollha filmat ta' tali inċidenti għal skopijiet ta' investigazzjoni jekk meħtieġ, se tagħmel dawk l-arranġamenti meħtieġa sabiex ikun hemm filmat ta' dak li jkun qed jiġri fil-Kamra kollha.

Ir-*ruling huwa deċiż.*